**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Ottubru, 2018

Rikors Guramentat numru : 48/18 AL

**AB**
**vs.**

**Avukat Dr Benjamin Valenzia u PL Nicholette Aquilina li b’digriet tas-sbatax (17) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni 1741/17 ġew nominati bħala kuraturi deputati għall-assenti C D (Nru. tal-Karta tal-Identità Franċiża 01033202686)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrent esponent kien f’relazzjoni extra-maritali mal-intimata assenti C D ta’ nazzjonalità Franċiża u Marokkina;

2. Illi minn din l-istess relazzjoni twieled il-minuri M B D ta’ nazzjonalità Franċiża, u Maltija (Karta tal-Identità Maltija Nru 608916L) (Kopja taċ-ċertifikati tat-twelid hawn

annessi u mmarkati bħala Dok. ‘A1 u A2’) u l-minuri illum għandu sentejn;

3. Illi r-rikorrent u l-intimata għamlu diversi xhur jirrisjedu f’Malta flimkien mal-minuri M, f’liema żmien ir-rikorrent kien kontinwament preżenti f’ħajjet il-minuri u kien hu li jieħu ħsiebu fil-ħinijiet bikrin ta’ filgħodu, filgħaxijiet, matul il-lejl u fi tmiem il-ġimgħa. Matul il-ġurnata, il-minuri kien ikun spiss għand in-nanniet paterni;

4. Illi nhar il-5 ta’ Jannar 2017, l-intimata ħarbet minn Malta bil-minuri u marret tgħix il-Marokk (Vide rapport magħmul mir-rikorrent mal-Għassa tal-Pulizija ta’ Ħal-Luqa, hawn anness u mmarkat bħala Dok. ‘B’). L-intimata għadha tirrisjedi l-Marokk sal-llum il-ġurnata flimkien mal-minuri u f’iktar minn sena hija qatt ma rritornat jew għamlet xi tentattiv li żżur Malta;

5. Illi għalkemm fl-ewwel xhur tas-sena 2017 ir-rikorrent kellu aċċess adegwat favur il-minuri, matul iż-żmien dan l-aċċess iddetterjora minħabba azzjonijiet u movimenti tal-intimata, tant illi illum il-ġurnata l-intimata qiegħda tagħmilha impossibbli sabiex ir-rikorrent jara lil ibnu;

6. Illi di fatti, sa minn Awwissu 2017, kull darba li r-rikorrent waħdu jew inkella flimkien ma’ xi persuni oħra żar il-Marokk sabiex ikun jista’ jżur lill-minuri M, l-aċċess favur ibnu kien limitat ħafna u taħt superviżjoni stretta ta’ xi membru tal-familja materna;

7. Illi fl-istess żmien minn Awwissu 2017, l-intimata qatgħet ukoll kull kuntatt telefoniku jew vidjofoniku mar-rikorrent, kif ukoll qatgħet kull kuntatt permezz ta’ midja soċjali u għaldaqstant ir-rikorrent ma setax iżomm kuntatt regolari ma’ ibnu kif kien jagħmel fl-ewwel ftit xhur tas-sena 2017;

8. Illi r-rikorrent għamel diversi tentattivi sabiex jikkonvinċi lill-intimata li fl-aħjar interess tal-minuri jintlaħaq ftehim bonarju magħha dwar kura u kustodja, aċċess u manteniment, kif ipprovaw jikkonvinċuha wkoll membri tal-

familja tagħha, madanakollu hija baqgħet tippersisti li ma tikkoperax mar-rikorrent jew ma' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir medjazzjoni bejn il-partijiet;

9. Illi l-intimata injorat kull tentattiv li sar b'diversi mezzi mill-medjatriċi Dr Veronica Zammit u mill-Avukat Benjamin Valenzia sabiex jiġu ffissati seduti ta' medjazzjoni u jkollha tirrispondi għal rikorsi intavolati mir-rikorrent, sal-punt illi l-medjazzjoni ġiet reża impossibbli u din l-Onorabbli Qorti kellha tirrevoka n-nomina tal-medjatriċi, (Vide digriet datat 22 ta' Novembru 2017, hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'C') u eventwalment din il-Qorti għalqet ukoll il-medjazzjoni (Vide digriet datat 18 ta' Diċembru 2017, hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'D');

10. Illi filwaqt li minn naħa l-intimata injorat il-komunikazzjoni li saret lilha minn uffiċjali ta' din l-Onorabbli Qorti dwar il-medjazzjoni, preċiż fl-istess żmien hija kienet attiva sew fuq l-email u bagħtet emails insolenti lir-rikorrent kif jixhdu l-emails hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'E';

11. Illi l-intimata sfidat ukoll l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti meta kisret kull digriet mogħti *pendente lite* fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni, fejn fost l-oħrajn, ġie akkordat aċċess ampju, liberu u sħiħ favur ir-rikorrent fil-konfront tal-minuri M (Vide digrieti flimkien mar-rikorsi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'D' u 'F'). L-omm mhux talli mhux qiegħdha tiggarantixxi illi l-missier ikollu aċċess liberu u sħiħ, talli lanqas biss tirrispondi għal mistoqsijiet bażiċi magħmula mir-rikorrent dwar kif inhu ibnu, kif sejjer fl-iskola, dwar saħħtu jew affarijiet bażiċi bħall-qisien tal-ħwejjeġ li jilbes. (Vide *screenshots* minn Facebook Messenger hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'G');

12. Illi oltre minn hekk, l-intimata regolarment tiġri minn post għall-ieħor ġewwa l-Marokk, u saħansitra wkoll issiefer bil-minuri M mingħajr ma tinforma lir-rikorrent. Tant hu hekk, illi saret in-norma għall-missier illi jrid

jiskopri waħdu f'liem parti tal-Marokk jista' jkun jinsab il-minuri sabiex jipprova jarah;

13. Illi din is-sitwazzjoni qiegħdha tkompli tiggrava tant illi saħansitra meta r-rikorrent żar ir-residenza tal-intimata ġewwa l-Marokk f'Diċembru 2017, u sabiex tiskoraġġixxi lir-rikorrent milli jipprova jara lill-ibnu, l-intimata kienet ukoll aggrediet bi vjolenza lill-esponent, tant illi dakinhar stess fl-10 ta' Diċembru 2017 ir-rikorrent kien kostrett jirrikorri fil-Kwartieri tal-Pulizija fil-Belt ta' Temara fil-Marokk. Anki hawn, l-intimata ma kkooperatx mal-Pulizija u kien bl-insistenza ta' xi membri tal-Korp li eventwalment l-intimata ppreżentat ruħha għand il-Pulizija u kellha titrażżan għaliex aġixxiet b'mod provokanti;

14. Illi meta rritorna lura Malta, ir-rikorrent kien għadu jsofri minn ġrieħi ħfief f'wiċċu, taħt għajnejn, spalltu u wkoll nefħa kbira f'saqajh (Vide ħames ritratti mmarkati Dok H1-5) sal-punt li kellu jirrikorri għal kura medika fil-poliklinika tal-Mosta u jieħu X-Ray ta' siequ peress li n-nefħa u l-uġiegħ kien kbir (Vide ċ-ċertifikat mediku mmarkat Dok I);

15. Illi f'Jannar 2018, ir-rikorrent reġa żar il-Marokk flimkien ma' missieru u cioè n-nannu patern tal-minuri iżda fuq perijodu ta' ħamest ijiem, huma rnexxielhom biss jaraw lill-minuri fl-aħħar ġurnata u għal 15-il minuta biss u dan wara insistenza ta' membru tal-familja tagħha;

16. Illi anki waqt din il-ġimgħa, fl-10 ta' Jannar 2018, l-intimata kellha tidher f'seduta fil-Qrati ta' Temara fuq kwerela dwar aggressjoni li kien ippreżenta r-rikorrent, iżda għal darba oħra bi sfida lejn l-awtorità tal-Pulizija u tal-Qrati ta' Temara, l-intimata ma ppreżentatx ruħha. Il-Procureur fit-Tribunal ta' Temara ħareġ ordni lill-intimata sabiex tipprovdi aċċess liberu lir-rikorrent iżda din l-ordni lanqas ma qiegħda tiġi onorata mill-intimata;

17. Illi fl-iktar żjara riċenti tar-rikorrent fi Frar 2018, proprju għal Jum Għeluq Snin il-minuri, l-intimata ma

kinitx rintraċċabbli u baqgħet ma instabitx minkejja l-intervent mill-ġdid tal-Pulizija ta' Temara li akkumpanjaw lir-rikorrent fit-tfittxija tiegħu għal ibnu;

18. Illi fil-preżent l-esponent u l-familjari tiegħu jinsabu f'sofferenza emottiva kbira kawża tal-attitudni irrazzjonali tal-intimata li mingħajr ebda raġuni ġustifikabbli qiegħda ċċaħħadhom mill-uniku wild minuri fil-familja u ma jafu xejn dwar il-progress, saħħa, edukazzjoni, żvilupp u lok fejn ikun jinsab l-istess minuri;

19. Illi r-rikorrent jinsab ippreokkupat dwar l-iżvilupp tal-minuri anki fid-dawl illi l-intimata żviluppawlha problemi ta' natura psikoloġika u mhux biss kienet ġiet iċċertifikata minn żewġ tobba fil-belt ta' Bordeaux fi Franza illi l-intimata ma hijiex fi stat mentali trankwill, iżda wkoll iktar riċenti, ir-rikorrent sab pilloli fil-kexxun personali li l-intimata kellha f'Malta, liema pilloli jittieħdu minn persuni li jbatu minn delirium tremens u manifestazzjonijiet ta' anzjetà severa (Vide 'Dok J');

20. Illi l-aggravazzjoni tal-problema psikoloġika tal-intimata hija sors ta' tħassib serju, iżda ma hijiex novità peress li meta l-intimata kienet tgħix f'Malta mar-rikorrent, kien hemm sensiela twila u kwotidjana ta' azzjonijiet straordinarji u inspjegabbli li kienet twettaq l-intimata kif jista' jiġi spjegat;

21. Illi fid-dawl tal-azzjonijiet irrazzjonali tal-intimata, bil-fatti kif qegħdin jiżvolġu u bid-determinazzjoni tal-intimata li akkost ta' kollox ittellef lir-rikorrent u wisq iktar lill-minuri, minn relazzjoni ta' missier u iben li hija fl-aħjar interess tal-minuri, ir-rikorrent għandu dubji serji dwar il-kapaċità tal-intimata li trabbi lill-minuri fl-aħjar ambjent, valuri u trobbija kif jixraq lill-istess minuri;

22. Illi dan qiegħed jingħad ukoll f'kuntest fejn ir-rikorrent, min-naħa tiegħu, qiegħed regolarment imantni lill-minuri fl-ammont ta' €425 fix-xahar konsistenti fi €300 fix-xahar għall-ikel u t-trobbija u f'€125 fix-xahar bħala

pagamenti addizzjonali sabiex ikopri l-ispejjeż edukattivi, liema manteniment huwa ferm ogħla minn dak li normalment jingħata fil-Marokk. Il-manteniment ilu jitħallas sa minn Jannar 2017 u għaldaqstant minn xhur qabel mal-Onorabbli Qorti ffissat ir-retta alimentari ta' €300 fix-xahar, skont id-digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'D' u tali elenku ta' pagamenti favur l-intimata qed jiġi wkoll anness (Vide Dok. K);

23. Illi x-xewqa tar-rikorrent hija li jkollu sentenza li tikkonferma u tagħmel permanenti d-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-medjazzjoni u li tkun tista tiġi enforzata u eżegwita fil-Marokk jew kull fejn ikun jinsab il-minuri u dan sabiex ir-rikorrent flimkien mal-familjari tiegħu jkunu jistgħu jibdew iżuru lill-minuri M mingħajr iżjed xkiel u li l-minuri jinġieb f'Malta sabiex ir-rikorrent jingħata ċ-ċans illi jkollu parti intrinsika fit-trobbija tal-minuri, wisq iktar sabiex tissaħħaħ ir-rabta emottiva u bioloġika bejn il-missier u ibnu, kif wara kollox huwa d-dritt tiegħu skont il-liġijiet ta' Malta u tal-Marokk u abbażi ta' Konvenzjonijiet Internazzjonali;

Talab, ghar-ragunijiet Ii ser jigu ampjament ipprovati waqt il-kawza, li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Takkorda lir-rikorrent aċċess liberu, ampju u sħiħ fil-konfront ta' ibnu minuri M B D kif ukoll li r-rikorrent ikollu wkoll ħin esklussiv mal-minuri bl-esklużjoni tal-preżenza tal-intimata jew familjari tagħha;
2. Tassenja kura u kustodja konġunta bejn il-partijiet;
3. Tordna illi l-intimata tiġi assessjata minn professjonisti sabiex isegwu l-komportament u deterjorazzjoni psikoloġika tagħha;
4. Tordna lill-intimata sabiex tiffaċilita, tippermetti u tikkonċedi għall-aċċess tar-rikorrent mal-minuri kull fejn ikun qiegħed jirrisjedi jew jinsab il-minuri, liema aċċess jestendi għall-familjari paterni tal-minuri;
5. Tordna lill-intimata li tippermetti lir-rikorrent jagħmel tal-inqas telefonata jew videochat waħda mal-minuri kull jum;

6. Tordna li l-minuri jinġieb f'Malta għal perijodi ta' ġimgħa matul il-festi, vaganzi, xhur tas-sajf u kif ukoll xi jiem viċin għeluq snin il-minuri, għeluq snin ir-rikorrent u f'Jum il-Missier, liema viżti jiżdiedu gradwalment maż-żmien;
7. Tipprovdi illi l-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-minuri għandu jkoprihom ir-rikorrent, filwaqt li l-intimata tkopri l-ispejjeż tagħha jekk takkumpanja lill-minuri;
8. Tiffissa retta alimentari ta' €300 fix-xahar dovuti mir-rikorrent għat-trobbija ta' ibnu minuri;
9. Tordna lill-partjiiet rispettivi jikkontribwixxu għal 50% kull wieħed tal-ispejjeż straordinarji ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri, u dan wara li l-intimata tgħaddi kopja tal-irċevuti rispettivi lir-rikorrent;
10. Tordna lill-intimata tagħti informazzjoni sħiħa u korretta dwar l-iżvilupp tal-minuri, inklużi dettalji dwar istituzzjonijiet edukattivi u soċjali li jiffrekwenta l-minuri u andament dwar is-saħħa u l-iżvilupp tal-minuri;
11. Tordna lill-intimata sabiex tinforma lir-rikorrent bi kwalunkwe safar jew spostazzjoni tal-minuri, u liema safar u/jew spostazzjoni ma għandhiex issir fil-ġranet tal-aċċess tar-rikorrent;

u dan salv kull provvediment ieħor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Benjamin Valenzia u il-PL Nicholette Aquilina, li permezz taghha eccepew; (fol. 37)

1. Illi hu mhuwiex edott mill-fatti;
2. Illi apparti l-e-mail C.D@gmail.com, il-kuratur deputat jitlob illi jinghata alternattivi ohra ta' kif jikkuntattja lill-assenti;
3. Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skont il-ligi (specjalment f'kazijiet fejn il-kuraturi deputati mhumiex edotti lill-fatti kif maghrufa mill-assenti;

Rat il-lista tax-xiehda tal-kuraturi deputati Dr Benjamin Valenzia u il-PL Nicholette Aquilina;

Rat illi l-konvenuta tinsab assenti minn Malta u li qiegħda tiġi debitament rappreżentata f'dawn il-proċeduri mill-Kuraturi Deputati maħtura għal dan l-iskop;

Rat illi minkejja li l-abbli kuratur ikkomunika mal-konvenuta assenti diversi drabi fuq l-indirizz elettroniku regolari tagħha[1], din m'informatux jekk kellhiex risposta għar-rikors ġuramentat;

Rat l-affidavits tal-attur u tax-xhieda minnu prodotti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza in difett t'ostaklu;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qiegħda jitlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri M B D, iben il-partijiet imwieled fit-18 ta' Frar 2016 f'Bordeaux ġewwa Franza[2], tkun waħda konġunta, b'dan illi r-rikorrent ikollu aċċess liberu, ampju u sħiħ fil-konfront ta' ibnu u talbiet anċilleri mal-aċċess. Jitlob ukoll li huwa stess jiġi ordnat iħallas manteniment għall-minuri fis-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar u li jikkontribwixxi 50% mill-ispejjeż straordinarji tas- saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri.

## PROVI MIĠJUBA

[1] Verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju 2018, fol. 40 u tal-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2018;
[2] Ċertifikat tat-twelid tal-minuri fol. 7 u 8;

Permezz tal-affidavit tiegħu[3], l-**attur** jispjega illi huwa sar jaf lill-konvenuta li hija ta' nazzjonalita Franċiża u Marokkina madwar sbatax-il sena ilu. Iżda kien madwar erba' snin ilu li reġgħu bdew il-kuntatt bejniethom. Wara xi sitt inkontri bejniethom, bejn vjaġġi f'Malta u Bordeaux, C infurmatu illi kienet tqila. Minkejja li l-attur ħass illi l-kuntest tal-konċepiment kien żbaljat, għaliex induna li l-konvenuta kienet użatu biex toħloq rabta bejniethom kif xtaqet hi, huwa ħa t-tqala tagħha bis-serjeta` u xtralha dak kollu li kienet teħtieġ sabiex tkun komda. Attenda l-kors kollu ta' preparazzjoni tal-ġenituri u aċċetta, għalkemm kontra x-xewqa tiegħu, id-deċiżjoni tal-konvenuta illi twelled fi Franza sabiex tkun komda bil-lingwa u bl-ambjent li kienet imdorrija fih.

L-attur kien preżenti waqt il-ħlas kollu u għamel li seta sabiex il-konvenuta tkun komda. Il-ġenituri tiegħu telgħu minn Malta mal-ewwel titjira li sabu, tant illi waslu biss nofs ta' nhar wara li twieled iċ-ċkejken M. *"Ngħid li kif twieled ibni, twieldet ukoll emozzjoni ġdida. Ma tonqosx ġibda naturali lejn iċ-ċkejken M li kien għamilni missier għall-ewwel darba. Hija sensazzjoni li diffiċli niktibha. Daqstant hija diffiċli illum li nesprimi n-niket li ġġib magħha l-assenza tiegħu minn miegħi."* L-attur għamel ix-xahar sħiħ ta' Frar f'Bordeaux. F'Marzu għamel ġimgħa magħhom fi Franza u għaxart'ijiem fil-Marokk. Imbagħad għal nofs April niżlu flimkien hawn Malta fejn ukoll akkwistaw appartament f'Ħal Luqa sabiex jgħixu fih bħala familja.

F'Malta, l-attur refa l-piż finanzjarju kollu tal-familja fosthom €10,000 biex jattrezzaw id-dar, €2,000 biex niżlu minn Franza bl-affarijiet tagħhom, l-ispejjeż tat-tarbija bħal 3-in-1, *highchair* u banju; xiri minn supermarkets, ħwejjeġ, prodotti tat-tifel, safar, kontijiet tad-dawl, ilma u internet, manutenzjoni tal-komun, spejjeż ta' ħruġ u manutenzjoni. Refa' wkoll waħdu ir-responsabilita` tal-kura tat-tifel bil-lejl, qabel ma jmur ix-xogħol u meta jirritorna mix-xogħol sa tard bil-lejl. Ma kien jiddejjaq u jilmenta xejn illi jagħmel dan, għaliex kien imur tajjeb ma' ibnu M. Kien jagħmillu l-bottles, ibiddillu, ilibbsu, u jraqqdu.

[3] Fol. 43;

Min-naħa tagħha, C ma riditx tissetilja hawn Malta u ma kinitx tintegra mal-ħbieb u mal-qraba tal-attur. Minkejja li t-tifel kien iqatta' ħafna ħin matul il-ġurnata għand in-nanniet, hija ma kinitx tagħmel faċendi, bil-konsegwenza li wara x-xogħol, l-attur oltre li jieħu ħsieb lit-tifel ried jagħmel ukoll il-faċendi. Lejn l-aħħar tal-konvivenza tal-partijiet, il-konvenuta bdiet taħsel u tgħaddi l-ħwejjeġ tagħha u tat-tifel biss, u anke ssajjar għaliha u għat-tifel biss, bl-attur jispiċċa jixtri take-away jew imur għand ommu. L-attur kien ukoll skopra preskrizzjoni maħruġa għall-konvenuta ta' pilloli għall-kura ta' *delirium tremens* u kien huwa wkoll personalment jinnota ċertu anomaliji psikolġiċi fiha.

L-attur jispjega kif fil-5 ta' Jannar 2017, il-konvenuta ħarbet minn Malta bil-minuri. Huwa kien irritorna x-xogħol wara xi jiem ta' btala magħha u mal-minuri M. Fil-jiem ta' qabel, kollox kien deher normali u C saħansitra kienet qiegħda tiftiehem m'omm l-attur rigward iż-żamma tat-tifel għall-kumplament tal-ġimgħa. L-attur kien ix-xogħol fl-uffiċċji tal-Airmalta u mil-login tiegħu induna li C kienet xtrat biljett tal-ajru *one-way*, għaliha u għal M, lejn Pariġi dak in-nhar stess tard fil-għodu. Meta nduna, it-titjira kienet diġa fl-ajru. Mar jiġri d-dar u kkonferma illi C ppakkjat bagalja żgħira għaliha u waħda kbira għal M u ħarbet bih minn Malta. M kellu biss għaxar xhur u nofs. Damet m'għamlet kuntatt mal-attur għal tlett'ijiem sħaħ meta mbagħad bagħtet messaġġ lil ommu tgħidilha li kienu tajbin.

Huwa ried jitla' jfittixha Pariġi imma mingħajr ħjiel ma kinitx faċli. Sar jaf illi mbagħad niżlet Bordeaux fejn kienet tgħix qabel. Meta ried imur Bordeaux, hija reġgħet imxiet lejn il-Marokk fejn baqgħet tirrisjedi sad-data tal-affidavit. Huwa mar il-Marokk imma l-attitudni tagħha ma kinitx tajba. L-istess ġara fi Frar, meta mar għal egħluq sninu u egħluq snin M fejn spiċċaw jargomentaw tant illi ġie lura Malta ġurnata qabel.

L-attur kellu laqgħat fuq livell diplomatiku mal-Ambaxxatur ta' Malta lejn il-Marokk, mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u mal-Aġenzija Appoġġ sabiex jgħinuh fuq livell diplomatiku biex iġib lit-tifel lura Malta iżda ma seta' jsir xejn. Fl-2017 tela' l-Marokk mhux inqas minn tlettax-il darba. Għamel minn kollox sabiex iżomm kuntatt tajjeb ma' ibnu iżda l-konvenuta bdiet tostakola

billi tqassar il-ħin li jkun miegħu. Fil-ħin limitat li kien ikun miegħu, kienet tinsisti li hi tkun preżenti u ħafna drabi dan kien ikun fid-dar tagħha jew ta' ommha. L-attur kien iċempel biex ikellem lit-tifel bil-video imma ġieli kienet tgħidlu li rieqed jew li mhux qiegħed magħha, iżda fil-pront jisimgħu jitkellem magħha. Minn Awwissu 2017 'il quddiem, qatgħet il-kuntatt telefoniku kompletament u lilu mblukkatu milli jċemplilha.

Meta M beda jmur l-iskola, ma riditx tgħidlu f'liema skola qiegħed jattendi iżda xorta waħda kienet tibagħtlu l-kontijiet tal-ispejjeż edukattivi. Dam sa Diċembru ma jafx fejn jattendi skola u għalhekk kellu jagħmel l-indaġini hu meta mar il-Marokk, jiġri minn skola għall-oħra biex jipprova jintraċċa lil ibnu. Mal-iskola r-relazzjoni hija bierda u ma jirċevix komunikazzjoni dwar attivitajiet li jista' jkollhom jew dwar il-progress ta' ibnu.

Min-naħa tiegħu, il-minuri jifraħ ħafna meta jiltaqa' ma' missieru – jibda jurih il-ġugarelli u jgħannqu. Meta jsir il-ħin biex jitlaq iżommlu siequ u jkun irid joħroġ miegħu. Ġieli meta jarah sejjer, it-tifel jibda jibki u ma jieqafx.

F'Diċembru 2017, il-konvenuta aggrediet lill-attur barra r-residenza tagħha. F'Jannar 2018, meta l-attur kien il-Marokk ma' missieru, C rreżistiet kemm felħet biex huma ma jarawx lil M. F'ħamest'ijiem irnexxielhom jarawh biss għal xi kwarta fl-aħħar ġurnata. Fl-aħħar ta' Marzu 2018, l-aċċess waqaf għal kollox minkejja li l-attur ipprova jikkomunika ma' C b'diversi modi.

L-attur jispjega illi C ma pparteċipatx fil-medjazzjoni u ma kkoperat xejn. Lanqas wieġbet għall-emails mibugħta mill-medjatriċi u mill-Avukat tal-Għajnuna Legali. Fil-proċeduri li qegħdin isiru fil-Marokk, hija tinsisti li l-attur m'għandux dritt jara lil ibnu. Fil-Marokk huwa jipprova jesegwixxi d-digriet mogħti minn din il-Qorti fl-istadju tal-medjazzjoni iżda C u l-avukat tagħha jirreżistu kemm jifilħu. Xi drabi huwa kellu l-assistenza tal-Procureur tad-Distrett u tal-Pulizija sabiex jara ftit lit-tifel. Il-konvenuta tgħidlu li lil M mhux ser jarah qabel ma jagħlaq tmintax-il sena u li d-deċiżjonijiet dwaru ser jibqgħu jittieħdu minnha bl-esklużjoni tal-attur. Fil-fatt, hija lit-tifel daħħlitu fi

skola, mingħajr lanqas qaltlu liema hi u applikatlu għaċ-ċittadinanza Marokkina mingħajr l-approvazzjoni tal-missier.

Rigward il-manteniment tal-minuri, l-attur jispjega li jibgħat lill-konvenuta tliet mitt Ewro (€300) kull xahar, li fil-Marokk hija ċifra kbira għaliex tekvwevali ma' paga minima. Il-ħajja u l-prezzijiet fil-Marokk huma madwar 35-50% irħas minn Malta u għalhekk is-somma li jivversalha għandha isserviha sew kull xahar. Dan jagħmlu mingħajr m'għandu xi digriet jew ordni li tobbligah jivversa manteniment.

Missier l-attur, **Dr. Reno B**[4], jikkorrabora x-xiehda ta' ibnu. Jikkonferma illi meta C kienet tqila u kien wasal iż-żmien li twelled, André kien telaq mix-xogħol u mar xahar sħiħ ħdejha. Meta twieled it-tifel, ix-xhud flimkien ma' martu kienu Bordeaux fi ftit siegħat u tant kienu ferħanin li saru nanniet għall-ewwel darba. Imbagħad il-partijiet iddeċidew li jissetiljaw hawn Malta u marru f'appartament illi xtraw Ħal-Luqa. Kien jara lil ibnu għejjien u nkwetat u dan kien qallu li kien qed ikollu żmien diffiċli ma' C għaliex il-ħin kollu tgħajjat miegħu u tinsulentah. Kienet tridu jitlaq mix-xogħol qabel il-ħin sabiex imur id-dar jagħmel il-faċendi u jieħu ħsieb it-tifel. Ġieli x-xhud kien ikollu jwassal lil ibnu 'l hemm u 'l hawn għaliex C kienet teħodlu l-karozza tiegħu. L-attur kien jirrakkonta lix-xhud kif ġieli kienet issajjar għaliha u lilu ma tagħtihx mill-ikel li tkun sajret.

Jiftakar li fil-bidu ta' Jannar 2017, mart ix-xhud staqsiet lil C jekk l-għada kinitx ser tieħu lit-tifel għandhom. Din weġbitha li dan kien jiddependi minn x'ħin iqum it-tifel. Fil-fatt lit-tifel ma kinitx ħaditu. André, wara x-xogħol, ċempel id-dar u staqsa jekk it-tifel kienx hemm. Meta wieġbuh fin-negattiv, huwa kkonferma li C kienet ħarbet bit-tifel għax id-dar ma kienx hemm il-passaporti tagħhom u lanqas bagalji u lanqas il-ħwejjeġ tat-tifel. Kienet telqet mingħajr ma qalet lil ħadd. André sar jaf illi kienet telqet lejn Pariġi u minn hemmhekk lejn Bordeaux u mbagħad lejn il-Marokk.

---

[4] Affidavit, fol. 55;

Wara li miet missier C, hija bdiet tagħmel minn kollox biex lil André ma tħallihx jara lil M. Huwa xorta baqa' jitla il-Marokk regolarment sabiex jipprova jara lit-tifel u meta kienet tkun taf li hu tiela, lanqas kienet tkun id-dar, biex ma jarahx.

Jirrakkonta li darba kien akkumpanja lil ibnu fil-Marokk u kienu qagħdu jduru bejn Rabat, Casablanca u El Jedida biex jipprova jara jekk C tinsabx għand xi familjari. Fil-fatt, sabuha għand ħuha f'El Jadida iżda ma riditx tħallihom jidħlu jaraw lit-tifel. Ħuha qalihom li ser jipprova jikkonvinċiha u sadattant iħallu ftit sigħat u jerġgħu jgħaddu wara. Meta rritornaw reġgħet ma riditx tħallihom jarawh. Ħuha kważi beda jargumenta magħha għaliex C ma bdietx tirraġuna u ddeċieda li jdaħħalhom f'daru fejn huwa rnexxielhom jaraw lil M għal xi kwarta.

Xi xahar wara, André reġa mar il-Marokk għaliex kien għeluq snin it-tifel. Wara xi jiem ifittixha bejn Rabat u Casablanca baqa' ma sabha imkien u lit-tifel baqa' ma rahx. Għalhekk l-attur mar lura Malta diżappuntat.

Xehdet ukoll omm l-attur, **Anna B**[5], illi kkorraborat il-verżjoni ta' binha u żewġha. Hija spjegat illi kienet iżżomm lit-tifel diversi ġranet magħha. Ġieli kienu jieħdu André għandhom għaliex C tkun trid tibgħat lit-tifel miegħu bilfors anke f'postijiet fejn ma jidħlux tfal bħalma huwa l-Qorti fejn jaħdem l-attur. Ix-xhud bdiet iżżommu regolarment meta l-konvenuta kellha tibda taħdem l-uffiċċju mal-attur, u għalkemm kull ma marret l-uffiċċju kien tliet darbiet, xorta waħda baqgħet tħalli lit-tifel max-xhud għal ġranet sħaħ.

Meta C ħarbet minn Malta, hija żammet f'kuntatt max-xhud u kienet tibgħatilha xi videos u ritratti tat-tifel. Imbagħad f'Diċembru qatgħet kull kuntatt magħha. F'Novembru 2017, telgħet il-Marokk ma' binha sabiex tara lit-tifel u tgħid li sabu diffikultajiet biex jgħaddu ħin twil ma' M. Rawh biss f'ħin limitat u dejjem taħt superviżjoni stretta ta' C. F'Diċembru 2017, ix-xhud setgħet tara il-grif li ġie lura bih binha mill-Marokk. Rat

[5] Affidavit fol. 61;

ukoll it-tbenġil ma' wiċċu u n-nefħa ta' siequ li l-attur kien qalilhom kienet aggredietu fiżikament.

Xehdet ukoll oħt l-attur **Claire B**[6], illi kkonfermat kemm ħuha André huwa missier tajjeb, illi mit-twelid kien impenjat billi jqum miegħu bil-lejl, jisqieh u jbiddillu. Meta kienu jgħixu hawn Malta, ġieli kienet tmur fir-residenza tagħhom biex tgawdi lin-neputi tagħha u anke toqgħod miegħu jekk kien ikollhom bżonn joħorġu. Lit-tifel kienet tarah iqatta' ħafna ħin fid-dar tal-ġenituri tagħha. Minkejja li C kienet tħallih għal sitta jew tmien sigħat, huma ma kinux jafu fejn qiegħda tmur. Huma kienu jieħdu gost bil-preżenza tat-tifel u issa li m'huwiex Malta dan huwa ta' swied il-qalb mhux biss għal ħuha iżda għall-familja kollha.

Tikkonferma illi meta ħuha kien jasal lura d-dar mix-xogħol, C kienet tħalli kollox f'idejh fejn jidħlu affarijiet tad-dar u l-bżonnijiet tat-tifel. Dakinhar li ħarbet bit-tifel kien ta' xokk kbir għalihom ilkoll u ma kinux qed jistennewha għaliex sal-ġurnata ta' qabel kienet qed tiddiskuti m'omm ix-xhud il-postijiet fejn setgħet tħalli lit-tifel meta ssib impjieg. Fix-xhur ta' wara, huma żammew kuntatt ma' C iżda din bil-mod bdiet taqta' minn magħhom.

**Marc Vella Bonanno**[7], ħabib personali tal-attur jirrakkonta kemm kien kuntent André illi ser isir missier għall-ewwel darba. Jaf illi fiż-żmien tat-twelid t'M kien siefer xahar lejn Franza biex ikun ta' sostenn għall-familja tiegħu. Meta l-partijiet ġew jgħixu hawn Malta, huwa seta jinnota kemm André kien *"iffissat fuq it-tifel, jieħu ħsieb dak kollu li kellu bżonn u anki raqqdu."*

Jiftakar fil-jum li C ħarbet mat-tifel waqt li André kien xogħol. Jiftakar lill-attur jirrakkontalu li kien irrealizza li din telqet fuq titjira tal-Airmalta u sar jaf b'dan min-notifikazzjoni li ra mis-sistema, li C kienet għaddiet miċ-check-in u litteralment telqet bla kliem u bla sliem. Fil-mument li kkonferma dan, kienet diġa fl-ajru u ma seta' jagħmel xejn biex iżommha.

---

[6] Affidavit fol. 66;
[7] Affidavit, fol. 70;

Jirrakkonta illi fit-12 ta' Diċembru 2017, l-attur kien bagħatlu diversi ritratti fuq WhatsApp jgħidlu li kien għadda minn esperjenza kerha oħra għaliex kien mill-ġdid fil-Marokk u C aggredietu f'wiċċu u f'saqajh. Ix-xhud qallu biex jibqa' determinat u jżomm lil ibnu quddiem għajnejh. Jgħid illi l-attur huwa tassew preokkupat għall-ġenituri tiegħu minħabba l-ansjeta` kbira li qabdithom illi ma jistgħux jaraw lill-uniku neputi tagħhom.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[8] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[9], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP;
[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [10] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[11] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[12]

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

---

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP);

[12] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL);

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Din il-kawża titratta l-kura u l-kustodja ta' minuri ċittadin Malti u Franċiż illi ttieħed illegalment u abbużivament minn Malta b'deċiżjoni unilaterali tal-omm. Illi l-omm ma setgħetx tieħu din id-deċiżjoni weħidha in vista li l-missier ma għamel xejn illi jistħoqqlu jitlef id-drittijiet tiegħu fuq ibnu. Il-missier, u cioe l-attur, aġixxa dejjem bħala missier tajjeb tal-familja, sa mill-

għarfien tiegħu tal-konċepiment ta' ibnu. Huwa pprovda lil ibnu l-bżonnijiet kollha materjali. Ipprovdielu wkoll is-sostenn morali billi kien preżenti sa mit-twelid tiegħu u sakemm kien jgħix miegħu, kien jieħu ħsiebu kif mistenni minn missier tajjeb. Inoltre, l-attur għandu sistema qawwija ta' sapport madwaru mill-familja tiegħu li kienu kapaċi, impenjati u lesti li jieħdu ħsieb lit-tifel waqt il-ħin tax-xogħol tal-attur, jew meta l-partijiet kellhom bżonn imorru postijiet mhux adattati għat-tfal. Illi m'hemmx l-iċken ħjiel li l-attur jista' ma jkunx missier idoneju għall-minuri M.

Il-Qorti tosserva illi l-attur mhuwiex qiegħed jitlob il-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri, biex din tittieħed mill-omm. Huwa sempliċiment jixtieq il-konferma tal-Qorti li huwa ma tilifx il-kura u l-kustodja tal-minuri li ġew vestiti lilu mat-twelid tal-minuri. Ladarba huwa m'għamel xejn li jistħoqqlu jitlef id-drittijiet tiegħu ta' missier, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkolji din it-talba tiegħu. Il-preżenza tal-missier fil-ħajja tal-minuri ċertament li hia xi ħaġa pożittiva u ta' ebda żvantaġġ għall-istess minuri.

L-attur jixtieq illi huwa ma jiġix imċaħħad minn aċċess liberu u ampju għal ibnu. Jidher li huwa aċċetta l-fatt li l-minuri qiegħed jiġi mrobbi f'art oħra u ma jitlobx ordni għar-ritorn tiegħu lejn Malta, iżda jixtieq li jkun jista' jmur jarah u jgawdih liberament, mingħajr ħafna restrizzjonijiet ta' ħin li jiġu mposti mill-omm cioe mill-konvenuta assenti. Dina tagħmel restrizzjonijiet kemm dwar it-tul ta' ħin li jdum l-aċċess u wkoll tinsisti dwar il-preżenza tagħha jew ta' ommha waqt l-aċċess. Anke dawn id-deċiżjonijiet huma arbitrarji tal-omm u m'għandhom l-ebda fondament legali jew ġudizzjarju. Il-konvenuta ma kellha ebda diffikolta` li tafda lil binha minuri M ma' missieru jew mal-membri tal-familja tiegħu, sakemm kienu jgħixu hawn Malta. Dawn indubbjament għandhom l-interess tal-minuri bħala prijorita` tagħhom u b'hekk m'għandu jkun hemm ebda għassa magħhom meta jaraw lit-tifel. Hija ġustifkata x-xewqa tal-attur illi jkun jista' jara lill-minuri fil-Marokk jew kull fejn jista' jkun jinsab, mingħajr xkiel u wkoll li l-minuri jkun jista' jinġieb hawn Malta. B'hekk tista' tissaħħaħ ir-rabta emottiva bejn il-missier u l-iben, ħaġa ċertament ta' ġid u mhux ta' detriment għall-minuri. Il-Qorti tapprezza l-isforzi kbar

u kontinwi li qiegħed jagħmel l-attur sabiex din ir-rabta ma tintilifx minkejja li t-tifel ġie meħud minn Malta f'Jannar 2017.

Dwar it-tielet talba tal-attur u cioe li l-Qorti tordna illi l-intimata tiġi assessjata minn professjonisti sabiex isegwu l-komportament u d-deterjorazzjoni psikoloġika tagħha, fil-waqt illi l-Qorti taqbel illi l-aġir tal-konvenuta tassew iqanqal suspetti ta' disturbi psikoloġiċi fil-personalita` tagħha, fin-nuqqas tal-preżenza tal-konvenuta hawn Malta, hija ma tistax tilqa' t-talba tal-attur. L-awtoritajiet jew entitajiet li huma tenuti jobdu l-ordnijiet tal-Qrati Maltin, jinsabu fit-territorju Malti u m'għandhomx aċċess fiżiku versu l-konvenuta li tinsab assenti u għalhekk ma jkunux b'mod konkret jistgħu jassessjawha kif mitlub.

Dwar il-manteniment, il-Qorti tirrileva illi anke f'dan l-aspett l-attur m'huwiex jonqos lill-minuri iżda qiegħed jieħu ħsieb, minn jeddu, li jgħaddi lill-konvenuta manteniment xieraq għall-minuri ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar, oltre nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-minuri.

Ma nġiebet ebda prova għall-konsiderazzjoni tal-Qorti dwar l-introjtu rispettiv tal-partijiet. Lanqas ma nġieb xi prospett ġuramentat u sostanzjat dwar l-ispejjeż meħtieġa għat-tifel. Illi għalhekk m'huwiex possibbli għall-Qorti li tistabilixxi kemm huwa manteniment ġust fis-sitwazzjoni partikolari tal-każ. Iżda l-Qorti tilqa' l-argoment tal-attur li s-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) tikkostitwixxi manteniment xieraq għall-minuri M, tenut kont il-prezz tal-għixien ġewwa l-Marokk, argoment li ma ġiex kontradett mill-konvenuta.

M'hijiex in-norma li l-attur f'kawża jitlob kundanna ta' ħlas ta' manteniment fil-konfront tiegħu stess, bħalma qiegħed jintalab fil-każ odjern. Dana jikkonferma, fil-fehma tal-Qorti, il-volonta` tal-attur li jkun missier xieraq għal ibnu minuri u li jagħtih dak kollu li għandu bżonn anke materjalment, bħalma għamel mill-konċepiment tiegħu. Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tafda lill-attur meta jgħid illi ċ-ċifra ta' tliet mitt Ewro għandha tkun suffiċjenti

għall-għixien tajjeb ta' ibnu. Wara kollox, l-intimata tilqa' din is-somma ta' kull xahar b'idejha miftuħa u qatt ma tirrifjutaha.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-attur u tordna lill-attur innifsu sabiex iħallas lill-konvenuta assenti kull xahar is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) rappreżentanti il-manteniment tal-minuri. L-attur qiegħed jiġi wkoll ordnat iħallas nofs l-ispejjeż kollha inkorsi għall-edukazzjoni tal-minuri u għal saħħtu inkluż l-ispejjeż dentali u għall-kura tal-vista tiegħu u wkoll nofs l-ispejjeż għall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti, għajr it-tielet talba liema talba qiegħda tiġi miċħuda, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri M B D, imwieled fit-18 ta' Frar 2016, qed tibqa' fdata liż-zewġ partijiet b'mod konġunt, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni straordinarja rigwardanti s-saħħa, l-edukazzjoni, ir-reliġjon, il-post ta' residenza, is-safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni importanti oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed miż-żewġ partijiet flimkien;

2. Takkorda lir-rikorrent aċċess liberu, ampju u sħiħ, fil-konfront ta' ibnu minuri M B D, liema aċċess isir bl-esklużjoni tal-intimata jew familjari tagħha;

3. Tordna lill-intimata sabiex tiffaċilita, tippermetti u tikkonċedi għall-aċċess tar-rikorrent mal-minuri kull fejn ikun qiegħed jirrisjedi jew jinsab il-minuri, liema aċċess jestendi wkoll għall-familjari tal-attur;

4. Tordna lill-intimata li tippermetti lir-rikorrent jagħmel telefonata jew videochat waħda mal-minuri kuljum;

5. Tordna li l-minuri jinġieb hawn Malta għal perjodu ta' ġimgħa fiż-żmien il-vaganzi tat-tifel mill-iskola, u għal ftit jiem viċin għeluq snin il-minuri, għeluq snin l-attur u f'Jum il-Missier;

6. Tordna illi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-minuri għandu jħallashom ir-rikorrent, filwaqt illi l-intimata tkopri l-ispejjeż tagħha jekk takkumpanja lill-minuri;

7. Tordna lill-intimata tagħti informazzjoni sħiħa u korretta dwar l-iżvilupp tal-minuri inkluż id-dettalji dwar l-istituzzjonijiet edukattivi u soċjali li jiffrekwenta l-minuri u l-andament dwar is-saħħa u l-iżvilupp tal-minuri;

8. Tordna lill-intimata sabiex tinforma lir-rikorrenti bi kwalunkwe spostazzjoni tal-minuri fi ħdan il-pajjiż fejn tabita regolarment u tagħtih indirizz sħiħ fejn ikun ser jirrisjedi l-minuri;

9. Tordna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuta assenti kull xahar is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) rappreżentanti il-manteniment tal-minuri.

10. Tordna lill-partijiet sabiex kull wieħed iħallas nofs l-ispejjeż kollha inkorsi għall-edukazzjoni tal-minuri u għal saħħtu inkluż l-ispejjeż dentali u għall-kura tal-vista tiegħu u wkoll nofs l-ispejjeż għall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta assenti, b'dana illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.